MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1448/2000/1

**Grixti Mobili Ltd**

**vs**

**Angel Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Settembru, 2000 fejn talbet din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma globali ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) kwantu ghal mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghal *marine plywood top* li kien "extra" u tlett mija u erbghin lira (Lm340) ghal *re spray* tal-kcina, mejda erba' (4) siggijiet u *splash back*, liema somma hija certa likwida u dovuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluz ta' ittra bonarja tal-21 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fil-ligi, stante illi hija halset ghas-saldu l-ammont miftiehem ghall-oggetti tal-ghamara in kwistjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont reklamat mill-attur nomine ta' Lm120 ghal-*"marine plywood extra"* ma hu *"extra"* xejn stante li l-kcina ordnata kellha jkollha wicc tal-*"marine plywood".*

3. Illi kwantu ghal Lm340 riklamati mill-attur nomine ghal-*"re spray",* dan mhux dovut stante illi kien l-istess attur nomine li ma tax il-kulur miftiehem u allura kellu jerga jaghmel dan ix-xoghol kif patwit.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghdha titlob minghand il-konvenuta l-ammont ta' erba' mija u sittin lira (Lm460) ghal xoghol *extra* li huma ghamlu fuq ghamara li l-konvenuta kienet ordnat minghandha.
Irrizulta mill-provi illi l-konvenuta ordnat kcina minghand is-socjeta' attrici. Wara illi saru l-konstazzjonijiet kollha u gew diskussi l-kuluri u l-ghamla ta' l-ghamara, gie ffirmat ftehim li kopja tieghu hemm esebit a fol 16 tal-process. Huwa mportanti illi hadd mill-partijiet ma hu qed jikkontesta dan il-ftehim. Ghalhekk il-Qorti sejra tiehdu bhala vinkolanti bejn il-partijiet.

Il-konvenuta qieghda tghid illi s-socjeta' attrici kkonsenjatilha kulur differenti minn dak illi rat fix-*showroom* taghhom. Barra minn hekk jidhrilha li m'ghandhiex thallas il-mija u ghoxrin lira (Lm120) ghal *marine plywood top* peress illi mill-bidu nett indikat li ser tuza madum u mhux irham. Jidher illi ghal fini ta' l-arti u s-sengha meta jintuza wicc ta' madum, il-qiegh irid ikun tal-*marine plywood* minhabba xi skular ta' l-ilma li jista jkun hemm bejn il-madum, filwaqt illi meta jintuza wicc tal-granit jew ta' l-irham, ma hemmx ghalfejn isir dan it-tip ta' l-injam.

Biex tissolvi din il-kwistjoni, l-Qorti trid tmur lura ghal ftehim li hemm a fol 16. F'dan il-ftehim ma hemm xejn x'jirrigwarda t-tibdil tal-wicc tal-kcina, izda jidher car illi l-kulur kellu jkun dak indikat bin-numru 93. Fuq dan il-punt ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici qalu li kien fuq indikazzjoni tal-konvenuta illi huma nizzlu dan il-kulur. Fil-fatt meta l-konvenuta kellha ripensament qaltilhom illi l-kulur fix-*showroom* deher mod u ghandha d-dar deher iehor. A fol 31 il-konvenuta tghid illi indikat bicca ghamara bil-kulur ezatt kif riditha u ndikatha lil Sandro Grixti li ha nota tal-kulur.

Aldo Grixti jghid illi l-ghamara illi giet ikkonsenjata kellha l-kulur ezatt bhal dak li ndikat il-konvenuta fix-*showroom.* Dan gie konfermat minn huh Sandro Grixti li effettivament ghamel in-negozjati mal-konvenuta. Ghalhekk il-kwistjoni li ghandha tigi ventilata minn din il-Qorti hija wahda purament ta' fatt, jekk is-socjeta' attrici kkonsenjatx l-ghamara bil-kulur patwit bejn il-partijiet jew inkella le.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migbura minn imkien ma jirrizulta illi s-socjeta' attrici kkonsenjat l-ghamara b'kulur differenti minn dak originarjament patwit bejniethom. Kienet biss il-konvenuta li qalet li s-socjeta' attrici baghtet kulur ferm differenti minn dak illi kienet ordnat.

Gibdet l-attenzjoni ta' bicca ghamara li qieghda fix-*showroom* u qaltilhom li l-kulur ridithu bhal dak. Jekk

pero’ l-kulur kien differenti minn dak intestat bin-numru 93 kif jidher fil-ftehim, il-konvenuta ma tghidx. Il-Qorti kienet tistenna illi l-konvenuta tiehu xi panel mill-ghamara konsenjata biex tqabbilha ma’ dak li ordnat fix-*showroom* u jkollha l-ahjar prova jekk fil-fatt is-socjeta’ attrici baghtitilhiex xi kulur differenti minn dak li ordnat, izda l-konvenuta ma ghamlet xejn minn dan u qaghdet tistrieh biss fuq l-allegazzjoni taghha li l-kulur li baghtulha kien wiehed differenti minn dak li ordnat.

Ghalhekk filwaqt li mhuwiex mess in dubbju illi s-socjeta’ attrici wettqet xogholijiet wara illi gie kkonsenjat ix-xoghol, minn naha l-ohra l-konvenuta ma gabet l-ebda prova illi fil-fatt l-ghamara konsenjata kienet differenti minn dik li effettivament ordnat. Veru illi kien hemm ir-ripensament, pero’ b’daqshekk ma jfissirx illi b’dan ghandha tigi addebitata s-socjeta’ attrici. Illum ix-xoghol sar, gie konsenjat lill-konvenuta u qieghdha tgawdieh.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-konvenuta ma lahqitx dak il-grad ta’ prova biex treggi l-allegazzjoni taghha illi hija rceviet ghamara b’kulur differenti minn dak li ordnat u ghalhekk zgur illi ghal dak li jirrigwarda l-*spray,* il-Qorti ma tistax tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha.

Ghal kwistjoni l-ohra tal-*marine plywood top* il-Qorti ssib li la fil-ftehim a fol 16 u lanqas fil-pjanti esebiti ma hemm xi referenza ghal wicc tal-kcina. Fil-ftehim a fol 16 kull ma hemm biss *details on plan,* izda fil-pjanta ma hemmx dawn id-dettalji. Is-socjeta’ attrici tghid illi l- konvenuta kellha xi ripensament u wara illi lestew ix-xoghol riedet tbiddel il-wicc tal-kcina, izda l-konvenuta tinnega dan u tghid li qaltilhom mill-bidu nett illi riedet wicc tal-madum u kien ghalhekk li hija kkonsenjatilhom maduma sabiex ikun jista’ jsir ix-xoghol, ghalhekk il-Qorti thoss li hawnhekk hawn konflitt fix-xhieda tal-partijiet.

F’naha wahda hemm is-socjeta’ attrici li ma rnexxilhiex tipprova illi fil-fatt kien hemm xi ripensament minn naha tal-konvenuta wara li tlestha x-xoghol u ghalhekk fuq dan il-meritu l-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta jista’ jkun li ghandha ragun. Il-Qorti ghandha tifhem illi la darba giet

kkonsenjata maduma, s-socjeta' attrici messha hadmet fuq dan il-kuncett mal-ewwel. Hu xhin hu, fuq il-ftehim bejn il-partijiet ma hemm xejn indikat kif kellu jkun il-wicc tal-kcina. Ghalhekk il-Qorti hija propensa illi taqbel mal-konvenuta illi l-valur tax-xoghol kellu jinkludi l-*marine plywood.*

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitament ghas-somma ta' tlett mija u erbghin lira (Lm340) ghal *re-spray* tal-kcina, mejda u erba' (4) siggijiet li wettqet sussegwentement ghal ordni maghmula mill-konvenuta.

Bl-ispejjez li ghandhom jitqassmu kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuta u kwart ghas-socjeta' attrici.  Bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------